*GRAJJIET, DRAWWIET TIFKIRIET*

# Minn S. Benedittu għal S. Kalogeru

*MINN MONS. PROF. ARTURO BONNICI*

**Nhar l-Erbgħa, 17 ta' dan, issir il-festa ta' Sant'Anton Abbati, jew kif insejħulu "tal-ħanżira". Jissejjaħ hekk, għax pittur għoġbu jpinġilu ħdejh ħanżira. Jissejjaħ "abbati", għax hu kien il-mexxej ta' ħafna eremiti. Għal min ma jafx: Sant'Anton twieled fis-sena 250 f'El-Fayum, fl-Eġittu ta' Fuq, mhux 'il bogħod mill-Kajr, minn ġenituri għonja nsara.**

Ta' 20 sena ħalla ġidu u mar fid-deżert igħix ħajja ta' eremita, u dam hemmhekk 85 sena. Eluf ta' eremiti oħra, imqanqlin mill-eżempju tiegħu, bnew ċelel jew għarajjex madwaru, biex jimxu fuq għemilu u skond kliemu. Għalhekk huwa, bir-raġun, jissejjaħ 'Missier il-Monastiċiżmu'. B'konnessjoni ma' dan il-qaddis, li sirt inħobb minn mindu bdejt nistudja sewwa l-Istorja tal-Knisja, tħajjart inkellimkom dwar il-Monastiċiżmu, mhux fid-dinja, iżda f'Malta.

## ŻEWĠ KORRENTI

Mal-bidu tas-seklu VI, il-monastiċiżmu nqasam f'żewġ kurrenti ewlenin: kurrent orjentali (fil-Lvant) taħt ir-regola ta' San Bażilju u kurrent oċċidentali (fil-Punent) taħt ir-regola ta' San Benedittu. Huwa ċert li fis-sena 599 twaqqfet hawn Malta komunita' benedittina. F'dik is-sena l-Papa Gregorju l-Kbir iddepona lill-Isqof ta' Malta Luċillu missede tiegħu u bagħat floku lil Trajanu, benedittin fil-monasterju ta' Santa Luċija f'Sirakuża. Il-Papa ppermetta lil dan li, kif kien talbu, iġib miegħu erba' jew ħames patrijiet oħra biex igħinuh u jinkoraġġuh. B'hekk issawret l-ewwel komunita' benedittina f'Malta.

## IL-'LAURAE'

Il-Kommendatur Gio Francesco Abela jaħseb li l-Abbatija tad-Dejr, f'Għeriexem, ir-Rabat, kienet l-ewwel għamara tagħhom, mhux 'il bogħod wisq mill-Isqof Trajanu fl-Imdina. Iżda l-Kavallier Vincenzo Bonello jaħseb li dik l-Abbatija saret iżjed tard, meta fis-seklu VII jew VIII, patrijiet ta' l-Ordni ta' San Bażilju ġew imkeċċija mis-Saraċini mill-Eġittu, is-Sirja u ċ-Cirenajka. Fil-każ li dan ta' l-aħħar hu minnu, nistgħu ngħidu li qabel ma ġew l-Għarab Malta fis-sena 870, hawn Malta kellna wkoll komunita' reliġjuża Bażiljana. Iwettqu din l-opinjoni ċ-ċelel li nstabu fir-Rabat imħaffrin fil-blat li jixbhu ħafna lil *laurae*, jew monasterji Bażiljani.

Ma nafux x'sar minnhom dawn il-komunitajiet matul il-ħakma Għarbija: nafu biss li, fis-seklu XII, l-Ordni Benedittin reġa' ħa r-ruħ u nsibu lil San Gwann minn Pulzano jibgħat lil San Gordan biex imexxi l-komunita' Benedittina f'Malta u, meta Papa Benedittu XII (1334-42) qassam l-Ordni ta' San Benedittu f'36 provinċja, Malta kienet waħda minnhom. Iżda, minn xi dokumenti, jidher li ftit żmien wara l-għadd tal-patrijiet ma kienx kbir wisq. Infatti l-kunvent ma setax jibgħat sitt patrijiet iservu fil-Knisja ta' San Nikola, kif xtaqet Donna Isolda, armla minn Lanzo Carrobeni, li ħalliet xi artijiet għal dak il-għan.

## IL-'MENDIKANTI'

Imma sadattant bdew jinbtu u jikbru fl-Ewropa Ordnijiet Reliġjużi ġodda: l-Ordnijiet hekk imsejħa 'Mendikanti', mill-kelma Latina *mendicare,* li tfisser tittallab, għaliex kienu jgħixu bl-elemożina ta' l-insara.

Matul is-sekli XIV u XV, l-erba' Ordnijiet kbar tal-Franġiskani, Dumnikani, Agostinjani u Karmelitani xeħtu l-għeruq tagħhom fil-Gżejjer tagħna u, maż-żmien, żdiedu oħrajn.

## IL-KONVENTWALI

Ga' fis-sena 1370, kien hawn Malta Kunvent tal-Franġiskani Konventwali fir-Rabat, maġenb l-Isptar ta' Santu Spirtu li, kien ġa' jeżisti. Wara li għadda minn kriżi qasira, dak l-Ordni reġa' beda jieħu r-ruħ fl-aħħar tas-seklu XV, u fi-bidu tas-seklu ta' wara l-Franġiskani fetħu kunvent Għawdex għall-patrijiet xjuħ jew morda.

Wara l-Konventwali daħlu Malta l-Karmelitani li, bil-għajnuna tan-nobbli Donna Margerita — armla minn Gakbu Pellegrino u dixxendenti mill-familja rjali ta' Aragona — fl-1418, bdew igħammru ħdejn il-Kripta tal-Lunzjata fid-distrett ta' San Anard, mhux wisq 'il bogħod mill-Imdina, il-Belt Kapitali taż-żmien. Il-patrijiet sabu benefatturi oħra. Il-Kapitlu tal-Kattidral kien jagħmel quddiesa hemmhekk quddiesa fil-festa tal-Lunzjata li għaliha kien jassisti l-Maġistrat tal-Belt.

## AGOSTINJANI U DUMNIKANI

Fil-Kronaka Agostinjana ta' Ruma jinqara li fit-2 ta' Jannar 1459, Fra Luqa minn Malta ġie maħtur Rettur tal-Monasterju Agostinjan f'Malta, bħala suċċessur tal-mejjet Fra Mattew minn Malta. Dan juri li dik il-komunita' twaqqfet hawn qabel dik id-data.

Minħabba fil-ħbit tat-Torok, fl-1551, l-Agostinjani kellhom iġarrfu l-kunvent tagħhom u jmorru jgħixu fl-Isptar ta' Santu Spirtu. Sitt snin wara, reġgħu lura u bnew il-kunvent mill-ġdid.

Il-Patri Dumnikan Malti Fra Pietru Zurki, flimkien ma' xi patrijiet sħabu Sqallin, ġew Malta fl-1450 u għamlu talba biex iwaqqfu dar reliġjuża Dumnikana. Il-permess ingħatalhom fis-sena 1461. Huma bnew il-kunvent tagħhom ħdejn il-knisja tal-Madonna tal-Kripta ħames snin wara, fuq art mogħtija lilhom mill-Isqof Alagona. Id-Dumnikani kibru fil-għadd u, fl-1518, bnew kunvent ieħor fil-Birgu mal-Knisja tal-Lunzjata.

*(Ikompli fil-paġna 11)*

# Minn San Benedittu għal San Kalogero

*(Ikompli mill-paġna 4)*

**IL-FRATI MINURI**

Il-branka l-oħra tal-Franġiskani — il-Frati Minuri — sabu benefattur, il-Malti Ġakbu Hakim, imlaqqam "Malf", li kien joqgħod Messina, u bnielhom kunvent f'Malta fis-sena 1492.

**JINŻLU FIL-BELT IL-ĠDIDA**

Mal-bini tal-Belt il-Ġdida, li ssejħet Valletta, l-Ordnijiet li semmejna bdew iħossu l-ħtieġa li jiftħu kunventi f'dik il-belt li, fl-1571, ħaddnet fiha l-Ordni Reliġjuż u Militari ta' S. Ġwann, li bniha u li ddikjaraha Belt Kapitali tal-Gżira.

Xi patrijiet Dumnikani mill-Birgu daħlu f'dik il-Belt biex jikkonfortaw linnies li bdew jinġabru fiha. Għall-ewwel huma bdew iservu mill-knisja ta' Santa Luċija, sakemm bdiet tinbena l-knisja ta' Portu Salvu fl-1571, meta l-Papa Piju V tahom f'idejhom il-kura tan-nies li kienu jaħdmu u bdew jgħammru hemm.

Aktarx li fis-sena 1571 niżlu f'dik il-Belt il-Karmelitani u bnew hemm knisja ġdida b'kunvent ħdejha bittħabrik ta' Fra Ġanni Vella. Minn dik il-knisja wkoll bdew jiġu amministrati s-Sagramenti minn qassis magħżul mill-Kapitlu tal-Katidral u approvat mill-Isqof.

Fis-sena 1572 ukoll, l-Agostinjani u l-Frati Minuri fetħu fil-Belt Valletta l-kunventi tagħhom. Fl-1598, bnew fl-istess Belt il-knisja u l-kunvent tagħhom il-Franġiskani Konventwali u mir-Rabat niżlu jgħammru fih. Fl-1642, fetħu Kulleġġ bil-fakoltà li jagħtu l-gradi akkademiċi.

**KUNVENTI OĦRA**

Barra mill-kunventi tagħhom fir-Rabat u fil-Belt, l-Agostinjani fetħu kunvent ieħor ħdejn Santu Rokku tal-Pjetà. Dan kien fis-sena 1617. Iżda kellu jagħlaq minħabba fin-nuqqas ta' patrijiet biex iservu fih. L-Agostinjani wkoll fetħu novizzjat fil-kunvent tar-Rabat, li sar ċentru ta' studji teoloġiċi u filosofiċi.

Il-Karmelitani wkoll fl-1659, bdew jaħsbu biex minn San Anard imorru l-Imdina, ħdejn il-Kappella tal-Madonna tal-Blata, mogħtija lilhom mill-Isqof Balaguer, fejn bnew kunvent u knisja ġdida. Fl-1611, huma kienu ġa marru jiftħu kunvent fix-Xatt tal-Birgu, iżda kellhom jagħalqu, għax ma kellhomx patrijiet biżżejjed biex imexxuh.

**KOMUNITAJIET ĠODDA**

Dan dwar l-Ordnijiet il-qodma. Iżda ma' l-istess żmien twaqqfu f'Malta Ordnijiet oħra. L-ewwel fosthom kien dak tal-Franġiskani Kabuċċini. Fl-1588, huma bnew dar u knisja fid-distrett "ta' Bokkara", barra mill-belt il-Ġdida, iżda mhux 'il bogħod wisq minnha. Għenuhom fil-bini l-Granmastru Verdala u l-Isqof Cagliares, li rriserva għalih appartament fil-kunvent.

Fis-sena 1736 huma temmu l-bini ta' kunvent ieħor u fl-1743 ta' knisja oħra fil-Kalkara (f'dak iż-żmien fil-limiti tal-Birgu). Għall-istess ħabta huma fetħu kunvent ħdejn il-knisja ta' San Ġiljan, illum tal-Madonna tal-Grazzji fid-distrett "ta' fomm il-ġir" f'Għawdex fuq art mogħtija lilhom mil-Isqof Alpheran. Għal dak il-għan ġew megħejjunin mill-ġenerożità tal-Granmastru Vilhena u ta' Għawdxin ġenerużi.

B'dawn it-tliet kunventi l-Kabuċċini ffurmaw l-hekk imsejħa *Kustodja*, li tagħtihom il-jedd li jkunu ndipendenti mill-Provinċja Kabuċċina ta' Sqallija.

**IL-KULLEĠĠ**

Wara l-insistenza tal-Kongregazzjoni tal-Konċilju biex, skond ma ordna l-Konċilju ta' Trentu (1545-63), f'kull djoċesi jinfetaħ seminarju għat-tħejjija taż-żgħażagħ għas-saċerdozju, l-Isqof Gargallo, fl-impossibbiltà li jiftaħ seminarju, fl-1592, aċċetta li 12-il patri Ġiżwita jiftħu Kulleġġ ta' Studji, u għenhom mill-aħjar li seta': kera għalidar u ħdejha huma waqqfu l-knisja tal-Ġiżwiti fuq art mogħtija lilhom mill-Kapitlu tal-Katidral.

ntom tafu kif, wara li għamlu tant ġid spiritwali u intellettwali, speċjalment fiż-żgħażagħ ta' Malta, dawn il-Patrijiet ġew imkeċċija, fl-1768, mill-Granmastru Pinto, li ried jimxi fuq il-passi tas-Sovrani l-oħra fl-Ewropa, li ma ħamlux il-ġid li kienu qegħdin jagħmlu. Iżda fortunatament wara 77 sena reġgħu lura.

**IT-TEREŻJANI**

Il-Karmelitani Skalzi, jew kif insejħulhom aktar it-Tereżjani, bnew knisja u kunvent ħdejn l-għolja ta' Santa Margarita, fl-1625. F'dak il-bini kellhom l-għajnuna ta' l-Isqof Cagliares u tal-Granmastru Carafa. Il-Kavallieri u l-Kappillani ta' l-Ordni kellhom xi kmamar riservati għalihom biex jagħmlu hemmhekk l-irtiri spiritwali u eżerċizzi oħra ta' pjetà.

Żewġ Komunitajiet oħra Reliġjużi, li ħafna ma jafux bihom, għax ma għadhomx aktar f'Malta, huma dik ta' l-Oratorjani u dik ta' l-Eremiti ta' San Kaloġeru.

**SAN FLIPPU U SAN KALOĠERU**

L-Oratorjani, jew Filippini, twaqqfu f'Malta fis-sena 1652 u għammru ħdejn il-knisja tal-Madonna ta' l-Anġli fil-Birgu. L-ewwel Mexxej, jew Propostu, tagħhom kien il-Malti Dun Ġwann Vella, miż-Żurrieq. Għaxar snin wara, qassisin oħra Maltin, immexxija minn Dun Xmuni Schembri, qalgħu l-permess li jiftħu kunvent ħdejn il-knisja ta' Portu Salvu fl-Isla, li saret magħrufa wkoll bħala l-knisja ta' San Flippu. Dik il-Kongregazzjoni mietet bil-mod il-mod fis-seklu XIX.

Ta' ħajja aktar qasira kienet il-Kongregazzjoni ta' San Kaloġeru. Fl-1742, xi eremiti Sqallin ta' dak l-Ordni, taħt in-Naplitan Ġjakkinu Vivas, fetħu kunvent ħdejn il-knisja ta' Santa Vennera, Birkirkara. Xi Maltin ingħaqdu magħhom. Iżda mal-mewt tar-Rettur, fis-sena 1749, mietet ukoll dik il-Kongregazzjoni f'Malta.

**GĦAL DARB'OĦRA**

Minħabba fl-ispazju, ikolli nagħlaq dan l-artiklu bil-mewt ta' dawn iż-żewġ Kongregazzjonijiet Reliġjużi f'Malta, bit-tama li nissuktaw f'artiklu ieħor bil-ħajja ġdida li ħadu fi Gżiritna matul is-seklu XIX u XX l-Ordnijiet il-qodma u l-Kongregazzjoni li nibtu matulhom.